## TAQSIMA Ċ: Stqarrija għall-iStampa (60 Marka)

***Ikteb stqarrija għall-istampa ta' mhux aktar minn 300 kelma msejsa fuq it-test t'hawn taħt:***

Sa minn Ottubru 2015 l-għadd totali tal-migranti irregolari li jidħlu fl-UE mit-Turkija qabad xejra 'l isfel. Madankollu, għal dan il-perjodu tas-sena għadu għoli. Sabiex tindirizza dan il-fenomenu preokkupanti t-Turkija teħtieġ b'mod urġenti li tagħmel progress sinifikanti biex twaqqaf it-tluq irregolari ta' migranti u ta' refuġjati mit-territorju tiegħu. Partikolarment kruċjali huwa t-tisħiħ tal-operazzjonijiet fuq l-art sabiex jitwaqqaf it-tluq irregolari.

Is-sehem tan-non-Sirjani (e.g. l-Afgani, l-Iraqin, l-Iranjani, il-Pakistani, il-Marokkini, il-Bangladeshi) fost il-migranti irregolari li jaslu, sa minn Ottubru qed jiżdied. Sabiex jiġi indirizzat dan il-fenomenu, it-Turkija teħtieġ li b'mod urġenti tieħu passi ulterjuri sabiex tallinja b'mod progressiv il-politika tal-viża għalihom ma' dik tal-UE, filwaqt li tingħata prijorità lil dawk il-pajjiżi li huma sors ta' migrazzjoni irregolari lejn l-UE. It-Turkija teħtieġ tiżgura li l-proċeduri applikabbli jkunu konklużi malajr kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, jew billi jingħata b'mod ċar status ta' refuġjat jew billi dan jiġi miċħud. Jeħtieġ ukoll li t-Turkija tiżgura li l-migranti irregolari, li jkunu nstabu li ma jeħtiġux protezzjoni internazzjonali, jitwaqqfu milli jagħmlu ċaqliq irregolari lejn l-UE.

It-Turkija hija mitluba tagħmel rieżami tal-abbozz tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta personali – li bħalissa jinsab fil-Parlament – u tallinjah kollu mal-istandards Ewropej. L-adozzjoni rapida ta' liġi adegwata dwar il-protezzjoni tad-dejta personali tippermetti li t-Turkija jkollha kooperazzjoni operattiva aktar mill-qrib mal-Europol, il-Eurojust u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

It-Turkija u l-Greċja jeħtiġilhom iżidu l-kooperazzjoni bilaterali ta' bejniethom għas-sorveljanza tal-fruntieri, għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u sabiex l-obbligi ta' riammissjoni bilaterali bejn it-Turkija u l-Greċja jiġu implimentati aħjar.

It-Turkija hija mistiedna wkoll tħejji sabiex sa mill-1 ta' Ġunju 2016 jiġi implimentat il-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. It-Turkija hija mħeġġa ssaħħaħ l-azzjoni tagħha kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali fiż-żoni kostali, anke f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE interessati.

Wara ftehim dwar il-Faċilità tar-Refuġjati fit-Turkija, l-UE min-naħa tagħha trid tibda tagħti assistenza u tindirizza l-ħtiġijiet tar-refuġjati tal-Faċilità mill-aktar fis possibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u t-Turkija għandhom ikunu lesti li jorganizzaw mill-ġdid il-prijoritajiet tal-programmi ta' assistenza eżistenti għat-Turkija fil-qasam tal-migrazzjoni, sabiex tirreaġixxi b'mod rapidu għall-ħtiġijiet emerġenti ġodda. Kif indikat fl-Anness, l-oqsma prijoritarji identifikati għall-assistenza finanzjarja għar-refuġjati fit-Turkija huma l-għajnuna umanitarja, l-edukazzjoni, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa u l-inklużjoni soċjali, l-infrastruttura muniċipali u l-ġestjoni tal-flussi tar-refuġjati. Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet li għadha għaddejja se tipprovdi analiżi ddettaljata dwar id-diskrepanza fil-finanzjament, u se sservi sabiex jiġu prijoritizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament fis-setturi kollha. Il-Kumitat ta' tmexxija tal-Faċilità se jipprovdi gwida strateġika u se jiddeciedi dwar azzjonijiet speċifiċi, ammonti u l-aħħar strumenti finanzjarji li għandhom jintużaw. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija se ssir fis-17 ta' Frar 2016.

It-Turkija u l-UE jeħtieġ li jkomplu bil-ħidma tagħhom u li jrenduha operattiva abbażi tat-12-il azzjoni, miftiehma fit-28 ta' Jannar, li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt.

Bħala konklużjoni, it-Turkija hija mħeġġa biex tkompli u saħansitra ssaħħaħ il-passi li ħadet għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt. Huwa importanti li l-impatt tal-isforzi kkoordinati bejn l-UE u t-Turkija jagħti riżultati malajr, b'mod partikolari billi jwaqqaf l-influss tal-migranti irregolari.

Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tiżgura l-implimentazzjoni rapida u effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-UE u t-Turkija. Il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-PAK u se tirrapporta b'mod regolari dwaru.

**(Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-UE u t-Turkija – mir-Rapport ta' Implimentazzjoni 10/02/2014)**

**TMIEM**



Eżami għall-postijiet ta' Second Secretary

fis-Servizz Diplomatiku

tal-Gvern ta' Malta

**KARTA TAL-MALTI**

26 ta' April 2016

Ħin allokat: Tliet Sigħat

**AQRA B'ATTENZJONI DAN IT-TAGĦRIF GĦALL-KANDIDATI**

***QABEL***

**TIBDA TWIEĠEB IL-MISTOQSIJET**

***Wieġeb it-tliet taqsimiet.***

***Żomm quddiem għajnejk li dan huwa eżami tal-Malti u għalhekk ħiliet fil-kitba tal-Ilsien Malti ser jingħataw għadd ta' marki.***

## TAQSIMA A: Traduzzjoni (70 Marka)

*Aqleb f'Malti idjomatiku*

The Next Pattern of Conflict

World Politics is entering a new phase, and intellectuals have not hesitated to proliferate visions of what it will be – the end of history, the return of traditional rivalries between nation states, and the decline of the nation state from the conflicting pulls of tribalism and globalism, among others. Each of these visions catches aspects of the emerging reality. Yet they all miss a crucial, indeed a central, aspect of what global politics is likely to be in the coming years.

It is my hypothesis that the fundamental source of conflict in this new world will not be primarily ideological or primarily economic. The great divisions among humankind and the dominating source of conflict will be cultural. Nation states will remain the most powerful actors in world affairs, but the principal conflicts of global politics will occur between nations and groups of different civilizations. The clash of civilizations will dominate global politics. The fault lines between civilizations will be the battle lines of the future.

Conflict between civilizations will be the latest phase in the evolution of conflict in the modern world. For a century and a half after the emergence of the modern international system with the Peace Westphalia, the conflicts of the western world were largely among princes – emperors, absolute monarchs and constitutional monarchs attempting to expand their bureaucracies, their armies, their mercantalist economic strength and, most important, the territory they ruled. In the process they created nation states, and beginning with the French Revolution the principal lines of conflict were between nations rather than princes. In 1793, as R. R. Palmer put it, "The wars of kings were over; the wars of peoples had begun." This nineteenth-century pattern lasted until the end of World War 1. Then as a result of the Russian Revolution and the reaction against it, the conflict of nations yielded to the conflict of ideologies, first among Communism, Fascism-Nazism and liberal democracy. During the Cold War, this latter conflict became embodied in the struggle between the two superpowers, neither of which was a nation state in the classical European sense and each of which defined its identity in terms of ideology.

These conflicts between princes, nation states and ideologies were primarily conflicts within Western civilization, "Western civil wars", as William Lind has labeled them. This was as true of the Cold War as it was of the world wars and the earlier wars of the seventeenth, eighteenth and nineteenth centuries. With the end of the Cold War, international politics moves out of its Western phase, and its centre-piece becomes the interaction between the West and non-Western civilizations and among non-Western civilizations. In the politics of civilizations, the peoples and governments of non-Western civilizations no longer remain the objects of history as targets of Western colonialism but join the West as movers and shapers of history.

**Samuel P. Huntington, The Clash of Civilizations?**



## TAQSIMA B: Taqsira (70 Marka)

*Qassar dan li ġej kemm jista' jkun fi kliemek f'bejn 150 u 180 kelma.*

Minkejja avvanzi li saru tul kważi nofs seklu ta' indipendenza, bil-Malti llum rikonoxxut bħala lingwa tal-Unjoni Ewropea, u bil-Prim Ministru għal darba wara l-oħra pubblikament ifaħħar lill-ktieb Malti u lill-awtur Malti, ċerta dipendenza żejda baqgħet terfa' rasha sal-lum u timponi ruħha b'forza f'pajjiżna stess, fuq uliedna stess. M'hemmx dubju li l-għarfien tal-Ingliż u lingwi oħra hu għodda prezzjuża li tiswa d-deheb, imma dan sa fejn għandu jfisser l-esklużjoni tal-ilsien nattiv hekk minsuġ fis-sentiment, fl-espressjoni u fl-identità? Din hi dilemma li rridu niffaċċjawha u nirriżolvuha.

Artikolista Malti-Awstraljan kiteb dan l-aħħar fl-istampa lokali li ħafna minn dak li jingħad dwar l-ilsien Malti fl-Awstralja joriġina minn "emozzjonijiet nejjin"; qal li l-Ingliż hu ferm iżjed utli u li, skont hu, wasal iż-żmien biex l-ilsien Malti fl-Awstralja "jindifen"; l-għarfien tiegħu ma jġib l-ebda benefiċċji ekonomiċi.

Din il-Konvenzjoni trid tqis jekk din hijiex pożizzjoni veritiera u realistika inkella waħda idjosinkratika u eżaltata li taffigura allura ma' x'jidhrilhom dawk li f'kumunikat riċenti ssejħu "il-pessimisti":
"Mhix triq faċli. Qed naqdfu kontra l-kurrent imma d-dgħajsa, għalkemm bil-mod il-mod, miexja 'l quddiem ... Hawn bosta Maltin – tfal, żgħażagħ u kbar – li jixtiequ jitkellmu, jiktbu u jaqraw bil-Malti sew. Il-Malti huwa ilsien qadim u sabiħ u għandna nħobbuh u ngħożżuh u nkunu kburin meta nużawh ... Ħafna pajjiżi ikbar ħafna minna, bħall-Awstralja, mgħandhomx ilsien tagħhom u jinqdew b'ilsien barrani ..."

L-ilsien hu mera tal-ġrajja, in parti hu ħallieq tagħha, ifisser l-ispirtu tal-bniedem, in parti dak li jagħmlu min hu, għaliex il-lingwa hi ħsieb u azzjoni fl-istess waqt, razzjonali u emotiva: hekk din toħroġ l-esseri sħiħ; fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem miegħu nnifsu qed jgħix. Kif japprezza kull min għandu l-fundamenti umanisti li sawru iċ-ċivilità Ewropea, il-lingwa mhijiex biss sintassi, l-eċċellenza ma tiġix mix-ximjottar jew mir-rinunzjar, u l-flus mhumiex kollox; iżda l-lingwa waħedha lanqas mhi kollox, wisq inqas fl-emigrazzjoni fejn l-ambjenti skolastiċi u soċjali jinbidlu u jisfumaw.

Kif għallimna Dun Karm, il-poeta nazzjonali, awtur tal-versi tal-Innu Malti, f'poeżija li suppost jafha kulħadd:
"Ħobb jekk jiswielek l-ilsna barranija, iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa."

Dan nassumi li kellu jimplika primarjament għal Malta nnifisha. Għaliex m'għandux japplika wkoll għal Malta l-oħra, dik 'il barra minn Malta? Il-fiżiku ma jirristrinġix lill-ispiritwali, wisq inqas illum meta d-distanzi ċkienu. Ovvjament ilsna Ewropej iktar mifruxa bħall-Ingliż, il-Franċiż, l-Ispanjol, it-Taljan u oħrajn, anki bħaċ-Ċiniż, jafu jkunu meħtieġa jekk mhux indispensabbli għal kuntatti internazzjonali u anki għall-edukazzjoni speċjalment f'xi branki tagħha x'aktarx iddominati mill-Ingliż jew l-Amerikan, bħall-kompjuters, il-kimika, il-matematika, l-inġinerija, forsi l-bijoloġija u x'naf jien. Hu ferm diffiċli u prattikament impossibbli però li tippenetra tassew il-kultura u n-nazzjonalità tal-bniedem mingħajr intimità mal-lingwa jew il-lingwi li jisquhom, sabiex tgħarbel u tfisser l-identità ta' nazzjon li għad għandu x-xewqa għall-ħajja. L-ewwel ħaġa li jagħmel kull antropologu hi li jitgħallem l-ilsien ta' dawk li jkun irid jipprova jifhem. Daqstant ieħor hu faċli, speċjalment f'ambjent assimilattiv stranġier, li l-lingwa nattiva tintilef, u bosta lingwi sfortunatament qegħdin jintilfu. F'Malta stess illum sirt issib xi żewġ soċjoloġi jiddubitaw f'ġurnal lokali bl-Ingliż mill-eżistenza ta' identità nazzjonali Maltija, mingħalihom jiġbdu s-saqajn ta' żgħażagħ li jivvalutaw il-bilingwaliżmu jew inkella jgħidu u jiktbu, anki barra, li pajjiżna hu stat mingħajr mhu nazzjon xejn. Dawn mhumiex rappreżentattivi wisq imma tfaċċaw, forsi konsegwenza tal-hekk imsejjaħ 'post-moderniżmu' li jirrelativizza kollox u lil kulħadd bla qies.

Tabilħaqq seta' kien iżjed faċli – ngħidu aħna fl-artijiet anglofoni u frankofoni – li tintilef il-lingwa milli r-reliġjon, li baqa' fattur ieħor ewlieni fl-identità Maltija. Dan l-aspett reliġjuż ukoll madankollu jinsab taħt pressjoni f'dinja dejjem iżjed xjentifika, konsumerista, teknoloġika u globalizzata, miftuħa għal kull forma ta' twemmin u ta' mġiba, iktar minn qatt qabel. X'se jibqa' allura minn dik l-identità storikament Maltija – l-ilsien, l-istorja, il-fidi, il-familja, il-kċina, il-bżulija, ir-rispett, il-folklor, il-komunità, u x'naf jien – minn dik l-għaġna ta' wirt soċjokulturali, dik il-*forma mentis* modesta iżda essenzjali, li mantniet ġenerazzjoni wara l-oħra ta' emigranti?

**(H. Frendo, Maltin "Ta' Barra" u Maltin "Ta' Ġewwa": Kif ser inħarsu u ngħinu l-etniċità Maltija fid-Dinja? f'*Convention of Maltese Living Abroad 2010*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin, 2010)**